MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 83/2007

**Id-Direttur Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Tonio Ciantar (ID 469269M)**
**Nicholsons The Supermarket Ltd.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li jghid hekk:-

Illi fl-1 t'Awissu, 2003 din l-Onorabbli Qorti akkordat ir-rikors ta' Charles DeGiorgio Limited datat 30 ta' Lulju, 2003 ghall-hrug ta' mandat ta' qbid numru 1667/03 kontra s-socjeta intimata;

Illi permezz ta' l-esekuzzjoni ta' tali mandat li sar fis-7 t'Awissu, 2003 kienu gew maqbuda diversi oggetti mobbli li jidhru elenkati fir-riferta' tal-marixxal ezekutant.

Illi nonostante l-hrug tal-mandat ta' qbid meta sussegwentement din l-Onorabbli Qorti ordnat l-bejgh bis-subbasta tal-istess oggetti mobbli, u l-Marixxal ezekutant mar fis-26 ta' Jannar, 2004 biex jeleva l-istess oggetti sabiex ikun jista' jsir il-bejgh, il-Marixxal gie informat minn Tonio Ciantar, direttur tas-socjeta' intimata illi l-oggetti kollha, bl-eccezzjoni ta' tlett 'cash point counters' kienu inbieghu lil terzi.

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fit-3 ta' Novembru, 2004 l-imsemmija  Charles DeGiorgio Limited gabet ghal konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti dana kollu u talbet li din l-Onorabbli Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimati proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12;

Illi b'digriet ta' l-4 ta' Novembru, 2006 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti;

Illi ghalhekk qeghda ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Issib lil intimati Tonio Ciantar u Nicholsons The Supermarket Limited hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimati ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huwa ingunti in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati :

Illi in kwantu jirrigwarda Tonio Ciantar personalment dan m'ghandux locus standi stante li r-rikors promutur tas-socjeta' Charles Degiorgio Limited, li wassal ghal dawn il-proceduri kien merament kontra s-socjeta Nicholsons The Supermarket Limited.

Illi ai termini tal-artikolu 1003A, tal-Kap. 12, id-dritt ta' prosekuzzjoni ghal kazijiet bhal dawn huwa moghti biss lir-Registratur u mhux lid-Direttur Qrati Civli u Tribunali.

Illi barra minn hekk l-intimati ma kisru l-ebda disposizzjoni kontenuta f'Titolu XVII tal-Kap 12.

Illi fil-mertu wkoll l-oggetti maqbuda mis-socjeta' Charles Degiorgio, kienu wkoll maqbuda minn diversi kredituri ohra tas-socjeta' intimata, liema kredituri kienu esegwew id-drittijiet taghhom kontra dawn l-istess assi mobbli.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati senjatament illi wiehed mill-intimati Tonio Cianter m'ghandux *locus standi* f'dawn il-proceduri kif ukoll illi din il-procedura hija rizervata lir-Registratu tal-Qorti u mhux lid-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali;

Illi certament it-tieni eccezzjoni ghandha tkun deciza *in primis* ghaliex hija *sine qua non* ghal prosegwiment tal-kawza. Issa, skond dak ravvizat fl-artikolu 1003A tal-Kap 12, il-procedura ta' disprezz ghandha tinbeda mir-Registratur. Ir-Registratur huwa dak il-persuna definita fl-artikolu 57 u 58 tal-Kap 12 li ghandu funzjoni ben distinta mid-Direttur tal-Qrati. L-artikolu 58(4) imbaghad jipprovdi illi *kull registru ghandu jkun immexxi minn ufficcjal pubbliku mahtur mill-Ministru ghal dak il-ghan, u fin-nuqqas ta' dik il-hatra, mid-Direttur Generali (Qrati)*. Fil-

kaz odjern mkien ma hemm spjegat ir-raguni ghaliex id-Direttur tal-Qrati agixxa f'din il-kwalita la darba l-azzjoni tmiss biss lir-Registratur;

Illi din il-formalita' hija wahda rikjesta mil-ligi u l-Qorti ma tistghax minn jeddha tissostitwixxi dan ir-rekwizit billi taccetta illi l-procedura ghandha tinbeda mid-Direttur tal-Qrati la darba tirrikjedi li din il-persuna tista' biss tkun ir-Registratur. Ghalhekk l-intimati ghandhom ragun fl-eccezzjoni taghhom u bhala konsegwenza din il-kawza ma tistghax tissokta.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati li d-Direttur tal-Qrati ma setghax jintavola dan ir-rikors u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------